MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tas-7 ta' Frar, 2003

Avviz Numru. 1376/1998/1

**Avviz numru 1376/1998DM**

**Property Development Limited**

**vs**

**Ellcee Nautical Supplies Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-kumpanija konvenuta ghall-hlas tas-somma bilancjali ta' hames mija u tnejn liri maltin (Lm502) oltre l-imghax legali mill-1 ta' Mejju 1997, ta' xogholijiet tad-drenagg inkorsi mis-socjeta' attrici f'April 1997 fil-hanut tas-socjeta' gestita mill-konvenuti fi Triq il-Gnien, Gzira.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra legali tat-3 ta' Frar 1998, tal-ittra ufficjali tal-25 ta' Gunju, 1998 u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijietipprezentata mill-kumpanija konvenuta, fejn eccipew illi:-

1. It-talba ghall-hlas ta' Lm502 hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda stante illi l-ammont ta' hames mija u zewg liri (Lm502) mitlub mhux dovut peress li l-ammont kollu miftiehem bejn il-partijiet bhala hlas ghal dawn ix-xogholijiet thallas kollu mis-socjeta' konvenuta u ma hemm ebda bilanc li ghadu dovut;

2. Fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, it-talba ghall-hlas ta' Lm502 tas-socjeta' attrici ghandha tigi michuda wkoll stante illi x-xogholijiet li tirreferi ghalihom s-socjeta' attrici ma sarux skond is-sengha u l-arti kif titlob il-ligi b'konsegwenza illi s-socjeta' konvenuta sofriet danni minhabba dawn il-hsarat;

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-digriet taghha tal-20 ta' Novembru 1998 fejn gie nominat l-AIC Joseph Mizzi bhala l-perit tekniku;

Rat ir-relazzjoni teknika pprezentata fil-11 ta' Mejju 2001;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:

Mill-provi prodotti quddiem il-perit tekniku, jirrizulta illi ghal dak li jirrigwarda l-ewwel eccezzjoni huwa veru illi kien sar ftehim originali bejn il-kontendenti dwar il-valur tax-xoghlijiet li kellhom isiru mill-atturi. Izda jirrizulta wkoll illi kien sar ukoll ftehim, jew almenu akkwiexxenza, dwar

xogholijiet ulterjuri li kellhom jaghmlu l-atturi u li taghhom kellhom ihallsu wkoll il-konvenuti.

Minn din ir-relazzjoni teknika u l-konkluzjonijiet hemm elenkati jirrizulta illi x-xogholijiet li ghamlu l-atturi, saru effettivament skond l-arti u s-sengha u l-atturi ghandhom jithallsu tax-xogholijiet li ghamlu fl-interess tal-kumpanija konvenuta.

Il-perit tekniku fil-fatt qabel illi l-bilanc li ghandu jithallas lill-atturi mill-konvenuti ghandu jkun dak mitlub, ta' hames mija u zewg liri, (Lm502) izda rriskontra xi xogholijiet illi kellhom jaghmlu l-istess konvenuti biex jirrimedjaw ghall-bzonn ta' xi alterazzjonijiet li kellhom isiru u ta' liema xogholijiet il-konvenuti nefqu somma ta' tmenin lira (Lm80).

Ghaldaqstant filwaqt li taddotta u taghmel taghha l-konkluzjonijiet peritali, il-Qorti qeghda tiddikjara illi mill-ammont illi qed jitolbu l-kumpanija attrici ghandha tonqos is-somma ta' tmenin lira (Lm80) illi nefqu l-konvenuti fl-alterazzjonijiet u ghaldaqstant qeghda tillikwida l-bilanc dovut mill-konvenuti lill-atturi fis-somma ta' erbgha mija tnejn u ghoxrin lira (Lm422).

Ghaldaqstant ghal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qeghda tilqa t-talba attrici limitatament billi tikkundanna lill-kumpanija konvenuta thallas lill-atturi ghas-saldu tax-xogholijiet tad-drenagg maghmula mill-atturi f'April tal-1997 fis-somma ta' erbgha mija tnejn u ghoxrin lira (Lm422).  Oltre l-imghaxijiet legali b'effett mill-10 ta' Lulju, 1998.

L-ispejjez jithallsu in kwantu ghal kwint mill-atturi u erba' kwinti mill-konvenuti.

--------------------------------TMIEM--------------------------------